**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 213/22 AL

A B

vs

C B

(MR Numru 811/1999)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-hamsa ta' Gunju tas-sena elf disa mija disa u disghin (05/06/1999) u dana skont ic-certifikat taz-zwieg bin-numru tmienja, wiehed, wiehed tas-sena elf disa mija disa u disghin (811/1999) anness u mmarkat bhala 'Dok A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt' itfal, D, imwieled fil-hamsa ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (05/11/2001) u E, imwielda fis-sitta u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erba (26/08/2004) u li llum huma t-tnejn maggiorenni.

3. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' firda personali datat sbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (17/08/2018) anness u mmarkat bhala 'Dok B'.

4. Illi l-partijiet emendaw il-kuntratt ta' firda personali bejniethom bonarjament fid-disa ta' Marzu tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (09/03/2021) anness u mmarkat bhala 'Dok C'.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dana stante l fatt illi huma qeghdin jghixu separatament minn dakinhar tas-separazzjoni bonarja.

6. Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom.

7. Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi sabiex jigi pronunzjat id-divorzju ta' bejniethom u dana ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi ma dan ir-rikors guramentata r-rikorrent qieghed ukoll jannetti l-affidavit tieghu nnifisu bhala 'Dok D'.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna l-hall taz-zwieg ta' bejniethom minnhom kuntrattat fil-hamsa ta' Gunju tas-sena elf disa mija disa u disghin (05/06/1999).

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta’ Mejju 2022;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 t’Awwissu 2018 liema kuntratt ġie emendat fid-9 ta’ Marzu 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.